

Ħarġa numru 6: Marzu, 2013

il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

B'kumbinazzjoni xi ġimgħat ilu dħalt nixtri gazzetta mingħand wieħed mil-librara ewlenin. Quddiemi tfaċċat xkaffa mimlija b'kotba bil-Malti li m'għadhomx jiċċirkulaw. Għallinqas hekk ħsibt. Xtrajt tnejn minnhom: *Wara r-Repubblika: Versi* ta' Lillian Sciberras u Mario Vella, li ħareġ fl-1979, u *Orizzonte senza fine – Antologia di poeti maltesi* ta' Vincenzo Maria Pellegrini, tal-Edizioni "L'Isola" u li ħareġ fl-1975. Sibthom kważi kważi abbandunati, ftit mgħaffġin biż-żmien u l-karta lewn bejn griża u safra. Imma tgħidx kemm ħadt gost kif ilmaħthom u xtrajthom bi ftit flus. Bħal dawn hemm mijiet oħra jistennew. Ftit wara staqsejt lili nnifsi: min jaf kemm sagrifiċċji għamlu l-kittieba u l-pubblikaturi biex ħarġu żewġ kotba bħal dawn?; min jaf kemm spejjeż nefqu? Ħsibt ukoll dan: poplu verament edukat u istruwit huwa dak li japprezza l-ktieb, l-iktar dak li ħareġ mill-pinna ta' Maltin bħalu. Għalxejn il-kulleġġi, l-iskejjel, it-teknoloġiji avvanzati, il-korsijiet fl-Università u barra minnha, jekk poplu ma jħobbx il-ktieb u l-qari. Nibki meta nara kotba Maltin ta' ċertu valur abbandunati u minsija f'xi rokna ta' ħanut tal-kotba. Nibki meta naħseb f'dawk l-eluf ta' kotba li jinsabu mwarrbin fil-kaxxi tal-kartun fl-irkejjen ta' mħażen jew garaxxijiet għax ma sabux min jixtrihom, jaqrahom u japprezzahom. Jekk niftakar sewwa xi darba kellu jinfetaħ xi bini li jqiegħed fiċ-ċentru l-ktieb u l-kittieb. Meta se jinfetaħ dan? Ħażin ikun jekk meta jinfetaħ jibqa' bini mhux iffrekwentat mill-pubbliku kuljum, l-aktar dak żagħżugħ.

Fuq nota oħra x-xahar ta' Marzu huwa dak li jfakkar il-mitt sena mit-twelid tal-poeta mis-Siġġiewi, Karmenu Vassallo. Il-Poeta tan-Nirien twieled fit-18 ta' Marzu 1913 u miet fis-7 ta' April tal-1987. Matul ħajtu bata mhux ftit imma dejjem ħares 'il quddiem. Studja għal patri, ħadem bħala traduttur u għalliem, ta sehmu fil-qasam tal-politika, ikkorrisponda ma' mijiet ta' ħbieb u fejn seta' għen b'saħħtu kollha, bena familja, u fuq kollox ħabb il-Poeżija. F'rabta ma' dan kollu IL-PONT ta' Marzu 2013 qed iġib intervista mal-bijografu ta' Karmenu Vassallo, Marcel Zammit Marmarà, u anki l-poeżija *Min Jista' Jkun?*, li Vassallo kiteb fid-9 ta' April tal-1963 u li dehret fil-ġabra *TNEMNIM* li ħarġet fl-1970.

Kull min jixtieq jikteb lill-editur jista' juża dan il-kuntatt: **sammutpatrickj@gmail.com**

# L-AĦBARIJIET

## IMUT MARĊELL MIZZI



Nhar it-Tlieta, 5 ta' Frar, 2013, miet is-Sur Marċell Mizzi, Membru Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin. L-Għaqda ħadet ħsieb li tibgħat kuruna f'ġieħu u nkitbet ittra ta' kondoljanzi lill-familjari tiegħu.

Marċell Mizzi twieled fil-15 ta' Marzu 1922, fir-Rabat, Għawdex, f'familja numeruża. Beda jistudja l-Università ta' Malta fl-1939 imma kellu jitlaq il-kors tal-Liġi fl-1943 minħabba mard. Kien membru tal-Parlament bejn l-1955 u l-1958 u bejn l-1963 u l-1964. Bejn l-1955 u l-1958 kien ukoll student għal P.L. u ħa l-*warrant* fl-1958. Agħtih Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.

## SEMINAR FUQ ID-DJALETTI MALTIN U GĦAWDXIN

Nhar is-Sibt 9 ta' Frar 2013 fl-Università ta' Malta sar "Seminar fuq id-djaletti Maltin u Għawdxin". Kien imżewwaq b'diversi persuni li ġejjin minn irħula differenti, li taw kontribut pożittiv ħafna. Fost il-lekċerers kien hemm is-Sinjura Antionette Camilleri Grima li tkellmet dwar id-djalett fir-raħal tal-Imġarr. Is-Sur Lino Psaila, awtur ta' *Il-Baħar Rasu Iebsa* tkellem dwar l-isfida li tikteb bid-djalett u qasam l-esperjenza tiegħu marbuta mal-irħula taż-Żejtun u ta' M'Xlokk. Numru ta' studenti universitarji spjegaw ukoll dak li huma rriċerkaw fit-teżijiet tagħhom. Hija ħaġa mill-isbaħ li tara żgħażagħ mimlijin enerġija, li għandhom fihom imħabba għad-djaletti u qed jaħdmu qatigħ biex dan ma jintilifx imma saħansitra jgħadduh lill-ġenerazzjonijiet futuri. Kien hemm għalliema universitarji li taw kontribut f'diversi oqsma. Is-sinjura Miriam Cassar, rappreżentanta ta' 'Vers Agħtini', spjegat dwar l-attivitajiet li jsiru spiss b'risq id-djalett, u s-sinjura Marlene Mifsud Chircop qalet rakkont qasir bil-Mosti dwar il-ħares, u diversi studenti oħra mill-istitut tal-Lingwistika taw sehemhom biex dan is-seminar ikun ta' livell għoli. Hija inizjattiva li tassew jixirqilha tifħir u jalla jkompli jinstab aktar materjal relatat mad-djaletti sabiex dan il-wirt Malti jinżamm fuq wiċċ l-idejn u jibqa' jiġi apprezzat u studjat minn aktar riċerkaturi. Għall-aktar informazzjoni, żuru l-websajt: www.um.edu.mt/card sabiex tkunu tistgħu taraw il-lista ta' teżijiet online.

(Rapport minn Amanda Busuttil)

## OPPORTUNITÀ BIEX JITTELLGĦU XOGĦLIJIET FUQ YOUTUBE

Qed tiġi ppreżentata opportunità sabiex, min jixtieq, jippubblika x-xogħlijiet tiegħu, dejjem jekk huma ta' kwalità tajba biżżejjed. Kulma qed jintalab lil min hu interessat huwa li jirrekordja lilu nnifsu jaqra xi kitba riċenti minn tiegħu, prefibbilment mhux itwal minn 10 minuti. Dawn se jittellgħu fuq il-kont tal-Youtube (twcmalta). Kull sottomissjoni għandha tiġi approvata mit-Tim Eżekuttiv.

Il-kont tal-youtube huwa:
https://www.youtube.com/user/twcmalta?feature=watch

Wieħed jista' jikkummenta fuq l-ewwel filmat li ttella' hawn:
https://www.youtube.com/watch?feature=player_embedded&v=zh9YY_s8bWg

Il-filmati jistgħu jiġu mgħoddija lil twc.malta@gmail.com. Jistgħu jkunu bi kwalunkwe lingwa, ġaladarba tiġi pprovduta traduzzjoni għall-Malti jew għall-Ingliż. Il-format tal-fajl irid ikun wieħed minn dawn: .MOV, .MPEG4, .AVI, .WMV, .MPEGPS, .FLV, 3GPP, WebM. Min jibgħat filmat, awtomatikament jimplika li qed jaċċetta li jittella' fuq il-Youtube.

## QARI TA' POEŻIJI FIL-CAFÈ ROCHER

Għal darb'oħra l-Għaqda Poeti Maltin iltaqgħet il-Belt fil-Cafè Rocher, nhar is-Sibt, 2 ta' Frar, fejn membri tagħha u anki persuni oħra qraw il-poeżiji tagħhom f'atmosfera informali. Din hija laqgħa li qed issir kull l-ewwel Sibt tas-xahar, bejn l-10 a.m. u nofsinhar.



# L-AĦBARIJIET

**SERATA F'ĠIEĦ IL-PROF. OLIVER FRIGGIERI**

Nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar, ittellgħet serata f'ġieħ il-Prof. Oliver Friggieri fil-Palazz De La Salle, Soċjetà tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, il-Belt. Avveniment bħal dan seħħ bil-kollaborazzjoni bejniethom tar-*Writers' Club*, l-Għaqda Poeti Maltin, Poeżija Plus u l-Koperattiva Kulturali tal-Università. Preżenti waqt din il-lejla kien hemm il-President ta' Malta, Dr. George Abela, u l-Prof. Oliver Friggieri flimkien mal-familja tiegħu. Id-diskors tal-ftuħ sar min Kit Azzopardi (*Writers' Club*), Miriam Ellul (Għaqda Poeti Maltin) mexxiet il-lejla, filwaqt li nqraw diversi xogħlijiet ta' Oliver Friggieri minn Mario Micallef, Therese Gauci u Vanni Riolo. Vince Fabri (Poeżija Plus) ħa ħsieb il-parti mużikali billi kanta xi poeżiji tal-Prof. Friggieri. Dan tal-aħħar ingħata tifkira mill-għaqdiet ikkonċernati li ġiet ippreżentata lilu mill-President ta' Malta, Dr. George Abela. Żewġ diskorsi oħra saru mill-President tal-Għ.P.M., Charles Magro, u mill-istess Prof. Friggieri, li wera l-emozzjoni tiegħu għal laqgħa sabiħa bħal din.



**GĦETIEBI MIKULA - ANTOLOĠIJA TA' KITBIET BI SKOP TA' GĦAJNUNA**

Din hija antologija ta' kitbiet ta' bosta awturi mhux magħrufa - imżewqa b'bosta stejjer, proża u poeżiji – il-maġġoranza żgħażagħ. Dan il-ktieb ħiereġ bil-għan li jgħin, u ser ikun għall-bejgħ fit-3 ta' Mejju 2013. Il-qligħ ta' dan il-ktejjeb se jmur kollu għall-istitut St. Angela House Guardamangia. Għalhekk hemm bżonn l-ghajnuna kbira ta' kulħadd billi sempliciment jinxtara dan il-ktejjeb. Min hu interessat jista' jidhol fi-sit indikat hawn isfel li jintroduċi ġo paġna fuq Facebook u jagħmel Like biss jekk verament jixtieq jixtri dan il-ktieb għall-prezz ta' €10, ladarba jkun fis-suq.

Link:
http://www.facebook.com/messages/100001059992132#!/pages/Pre-order-ta-G%C4%A7etiebi-Mikula/535073269848108?fref=ts

**IL-FESTIVAL TAL-KANZUNETTA ORIĠINALI BIL-MALTI**

Ta' min ifakkar li l-Festival tal-Kanzunetti Oriġinali bil-Malti se jsir nhar is-Sibt, 20 ta' April, 2013. Il-post se jkun fit-Teatru Sir Temi Zammit, fl-Università ta' Malta.

**IMNIEDI KTIEB ĠDID FL-UNIVERSITÀ**

Nhar l-Erbgħa, 13 ta' Frar, ġie mniedi l-ktieb *Malta at the European Court of Human Rights 1987-2012* ta' Mark A. Sammut (ed.), Patrick Guignet u David A. Borg. Il-lejla seħħet fil-*Gateway Building*, Sala E, fl-Università ta' Malta. Fost il-parteċipanti matul is-serata kien hemm il-Prof. Ian Refalo, Dr. Tonio Azzopardi u Dr. Peter Grech.



**Fir-ritratt jidhru l-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri, l-Imħallef Giovanni Bonello, l-eks Prim Imħallef Giuseppe Mifsud Bonnici, u l-Ministru Jason Azzopardi fl-ewwel filliera, u l-Imħallef David Scicluna u l-Avukat Austin Bencini fit-tieni filliera.**

**INTERESS MIŻ-ŻGĦAŻAGĦ FIL-KITBA U L-POEŻIJA**

Filwaqt li hu magħruf li ż-żgħażagħ jaqraw verament ftit il-poeżija stampata fil-kotba, qed jissaħħaħ dejjem iktar il-fenomenu tal-kitba u l-qari tal-poeżija min-naħa ta' eluf ta' żgħażagħ permezz ta' siti speċjalizzati fuq l-Internet. Għal min hu interessat tnejn minn dawn huma www.wattpad.com u www.movellas.com L-istess żgħażagħ imbagħad jiktbu l-kummenti tagħhom dwar dak li jaqraw fuq siti bħal dawn.

# L-INTERVISTA

## Marcel Zammit Marmarà

**Marcel Zammit Marmarà studja l-Liċeo u kiseb il-grad tal-Baċellerat mill-Università ta' Malta segwit minn taħriġ fil-pedagoġija biex isir għalliem. Kiseb ukoll il-grad ta' *Masters* fejn għamel riċerka estensiva dwar Karmenu Vassallo. Huwa wkoll Librar kwalifikat mill-Università ta' Malta. Fil-preżent jgħallem il-Kritika Letterarja fl-Iskola Sekondarja Ogħla. Fl-1988 kien fil-kumitat li ħadem bis-sħiħ biex l-Għaqda tal-Malti (Università) terġa' tieħu l-ħajja u ta sehmu biex terġa' toħroġ ir-rivista *Leħen il-Malti* u jitwaqqaf il-monument tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm.**

**1. Minn fejn bdiet in-namra tiegħek ma' Karmenu Vassallo?**

Il-ġibda bdiet meta jiena kont għadni l-iskola. Il-kitbiet ta' Vassallo jibqgħu ċ-ċentru ta' kull studju dwaru. Ġibidni l-istil tal-kitba tiegħu, il-qawwa tal-kelma u s-sinċerità. Il-kitba tiegħu minn dejjem kont naraha sabiħa.

Minbarra l-kitbiet tiegħu kont miġbud ukoll lejn il-filosofija tiegħu, il-mod kif kien jibni argument, l-altruwiżmu tiegħu, u l-umiltà li kellu. Fuq kollox minn dejjem sibtu karattru uniku u differenti. Moħħu dejjem sejjer, ma jieqaf qatt. Karattru li dejjem jgħarbel u jiddibatti.

**2. Qatt iltqajt personalment mal-Poeta tan-Nirien?**

Darba meta kont tifel niftakarni maz-ziju li kien imur jarah is-Siġġiewi iżda kont żgħir wisq. Vassallo kien wiċċ familjari l-Belt peress li kien jaħdem hemm. Kulħadd, jew aħjar, kull min kien midħla tal-ħajja kulturali, kien jaf min kien Karmenu Vassallo iżda meta tkun għadek żgħir tħossok mistħi biex tmur fuq xi ħadd u taqbad tkellmu. Barra minn hekk, fit-tfulija u ż-żgħożija ma tagħrafx il-perspettiva tal-ħajja li 'l quddiem dik l-opportunità se tintilef.

**3. Hemm xi ħaġa jew ħwejjeġ komuni bejnek u bejn Karmenu Vassallo?**

Il-kuntest u l-kundizzjonijiet li trabbejna fihom aħna huma differenti minn kif trabba Vassallo. Però meta kont żagħżugħ kont ninkorla bħalu wkoll li l-bniedem ma kellu ebda għażla meta u fejn jitwieled, biex se jimrad u jmut, jitwelidx qasir, twil, oħxon, irqieq, sabiħ, ikreh eċċ. Min-naħa l-oħra hemm ukoll il-biża' t'Alla. Illum jgħallmu li Alla hu mħabba. Meta trabbejt jien, Alla kien Alla tal-biża'. Karmenu kellu wkoll sens ta' gratitudni, l-imħabba għall-annimali u r-rispett għal kull min seta' għamillu farka ġid. Bħal Vassallo nemmen li l-bniedem m'għandux għalfejn jitkabbar għax illum jew għada nferfru tnejn u jitfgħuna ġo kaxxa – *pulvis et umbra sumus*.

**4. Liema hija l-aktar ħaġa li tolqtok fil-poeta mis-Siġġiewi? Liema ħaġa xtaqt tara mibdula f'rabta mal-ħajja tal-poeta?**

Vassallo hu dak li hu. Huwa uniku. Kieku kellu jkollu xi element mibdul fih, jitlef l-awtentiċità u l-karattru tiegħu. Dejjem tgħallimt li l-bnedmin li tħobb m'għandek qatt tipprova tibdilhom.

L-aktar ħaġa li tolqotni f'Vassallo hija l-profondità tiegħu kemm f'kitbietu kif ukoll f'diskorsu. Ma naħsibx li hawn kittieb ieħor Malti profond daqsu. Lanqas Dun Karm. Inġbidt lejn Vassallo għax minn ċkuniti kont nara li s-sofferenzi tiegħu setgħu kienu l-weġgħat ta' kulħadd. Vassallo m'għandux limitu ġeografiku. Il-kitba ta' Vassallo hija miktuba bil-Malti iżda seta' kien ġej minn kwalunkwe kontinent għax kien jibqa' validu. Huwa poeta dejjem u kullimkien. Vassallo huwa ċittadin tad-dinja kollha u lilhinn minnha wkoll. Jitkellem u jiddibatti ma' Alla bħallikieku kien qed jitkellem ma' missieru. Vassallo jibqa' ċittadin tal-univers.



**Min jixtieq jaqra l-intervista sħiħa jista' jara l-link: http://patrickjsammut.blogspot.com/2013/02/intervistat-marcel-zammit-marmara.html**

# REAZZJONIJIET

*Jannar 18, 2013*

Sur Editur,

Qabelxejn nifraħlek tal-kontribut siewi u mingħajr riżerva li qed tagħti lil-letteratura Maltija invista ta' intervisti u riċensjonijiet mingħajr preferenzi ta' klassi jew stat soċjali kulturali, u issa, b'dan il-magażin ġdid tiegħek.

Qrajt b'interess kemm l-editorjal tiegħek tal-ħarġa IL-PONT u kemm dak li kitbet is-Sa Joyce Grech b'reazzjoni għall-istess editorjal.

M'iniex nikteb biex inkun bħal ħrafa ta' Esopu ta' meta l-volpi ma laħaqx l-għeneb u qal li dak kien qares. Ġibt dan l-eżempju biex ħadd ma jaħseb li msarni qed jikluni għax għat-tielet sena konsekuttiva, dejjem ġejt imwarrab *għax forsi m'iniex daqshekk ta'* livell daqs l-ikoni li jirbħu. Possibbli daqshekk jien basla fil-letteratura? Iżda, minn dak li nara u minn dak it-tgergir li nisma' minn għadd ieħor ta' nies. Lis-Sa Joyce Grech ma nistax inlumha li tiddefendi lil Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Hekk huwa d-dmir tagħha u jekk ma tagħmilx hekk, tkun qed tonqos. B'danakollu, naf li s-Sa Joyce Grech qed tgħix f'din id-dinja u partikolarment f'Malta u la hi minn ta' ġewwa, tista' tara, tixtarr u tindaga ħafna aktar minn dawk li jinsabu barra u fil-fond ta' qalbha, għalkemm ma tistax tikkonferma, hi għandha għajnejha f'wiċċha u tista' tiddubita li xi drabi mhux għajdut biss ikun.

Jekk is-Sa Grech trid tkun taf jekk humiex dejjem l-istess nies li jirbħu, kulma għandha x'tagħmel huwa li tqalleb ir-riżultati tas-snin l-imgħoddi u malajr ikollha t-tweġiba. Is-Sa Joyce Grech taf li jien wieħed li għidtilha direttament li mhux ġej għal lejla tal-għoti tal-premju tas-sena li għaddiet għax *xbajt dejjem inċapcap lill-istess nies.* Min-naħa l-oħra, il-Kunsill għandu jkollu kodiċi ta' etika, u jekk għandu, jara li ma jkunx hemm min jista' jkollu konflitt ta' interess. Pereżempju, għaliex membri tal-Kunsill jieħdu sehem fil-Konkors *u jirbħu*? Mhux qiegħed nikkontesta l-ħiliet letterarji tagħhom għax nistqarr li għandhom dawn il-kwalitajiet meħtieġa u la jitħallew jikkompetu, jistennew bir-raġun li jirbħu wkoll. Iżda ħaġa bħal din ma ddoqx sabiħ fil-widna. Meta kien hemm membru tal-Kunsill li ħareġ ktieb, kellu l-etika meħtieġa li jiddikjara li mhux se jieħu sehem fil-konkors.

Dwar il-ġurija u l-ammont ta' kotba ġudikati ngħid dan. Ma jistax ikun li individwi ta' età anzjana mhux ħażin, bil-*commitments* personali u letterarji tagħhom, fi tliet xhur jaqraw, jixtarru bir-reqqa u jiġġudikaw 20 rumanz li wħud minnhom, dawn ir-rumanzi jkunu imġissmin sewwa. Iva, jien għandi dubji li dak li jiġri huwa li dawk il-kittieba ġodda, mhux magħrufin, jew aħjar mhumiex diġà fuq il-*pedestal* fiċ-ċirku dejjaq tal-istess klikka, dawn jiġu mqiegħda fil-ġenb u l-attenzjoni tingħata biss lil Professuri tal-Università, Edukaturi, Xandara jew politiċi għax donnu li dawn biss għandhom id-dehen u l-muża letterarja.

Naħseb li jkun aktar għaqli li kieku l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jgħaddi r-rapport tal-ġurija lil kull kittieb li skont il-ġurija ma ħaqqux premju milli dawn l-istess kittieba jridu jistaqsu huma għalihom.

Il-fatt li għadd mhux ħażin ta' kittieba jidħlu għal dan il-premju, juri li f'pajjiżna hawn ambjent u mentalità letterarja sewwa u tkun tassew ħasra minħabba d-dubji u suspetti li jistgħu jidħlu fl-imħuh għax jemmnu li jeżisti l-kunċett tal-*ħbieb tal-ħbieb* jew ta' *ħokkli dahri* jintilef dak kollu li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ilu dawn l-aħħar snin jibni b'tant ħeġġa u sabar.

*Salv Sammut*



# Disturb Nazzjonali Post-Trawmatiku?

## minn Mark A. Sammut

1. Il-kolonjaliżmu tista' tħares lejh bħala trawma għall-poplu kolonizzat. Fuq kollox għax jattakkalu l-identità tiegħu, billi jimponi fuqu identità ġdida, aktar prestiġjuża – dik tal-kolonizzatur. Il-konsegwenza hi t-telfien tal-identità li l-poplu kolonizzat kellu qabel ma beda l-kapitlu kolonjali, jew tal-anqas l-ibridizzazzjoni ta' dik l-identità. Nistħajjel li kulmin iħares madwaru jarah dan il-fenomenu, jirramifika u jimmanifesta ruħu l-ħin kollu u f'kull ħin, f'kollox u kullimkien.

2. Ir-reazzjoni "normali" għal trawma ta' dan it-tip hu n-nazzjonaliżmu (tax-xeħta kolonjali). Mhux in-nazzjonaliżmu aggressiv u espansjonista, li hu n-nazzjonaliżmu tal-kolonizzatur. Imma nazzjonaliżmu ieħor ta' xejra oħra, li jfittex l-awtodeterminazzjoni, u allura li jħaddem politika identitarja. Is-sintomi ta' din ir-reazzjoni f'Malta rajniehom fil-ħolqien tal-Partit Nazzjonalista, bl-għajta tiegħu ta' *Religio et Patria* (iż-żewġ pilastri tal-identità Maltija: il-Kattoliċeżmu u l-Italjanità), u fil-Muviment tal-Ħaddiema mmexxi minn Dom Mintoff, bl-għajtu tiegħu ta' 'Malta l-Ewwel u Qabel Kollox' (għajta li tevita d-definizzjoni ta' "Malta" – x'aktarx għax Mintoff kien anqas ideoloġiku u aktar prammatiku, forsi wkoll wara li kien ra xi ġralu Mizzi). Fl-għajta Mintuffjana, hemm waħda minn żewġ implikazzjonijiet: jew nafu ċar Malta x'inhi, jonkella Malta tant qed tinbidel li ma nafux sewwasew x'inhi. F'kull każ, ma hemmx ħtieġa nfissruha. Fil-ktejjeb tiegħu tas-snin ħamsin, *How Britain Rules Malta*, Mintoff jgħid li l-kultura Maltija (ta' żmienu naturalment) kellha 'lagħqa verniċ' ta' kultura Brittannika … ma nafx l-istess deskrizzjoni għadhiex tgħodd għal Malta tal-lum ukoll.



3. Jiġifieri, fl-1880, il-borġiżi Maltin, huma u jwaqqfu dak li sar il-Partit Nazzjonalista, ħassew li l-identità ta' Malta kienet għadha ċara: Malta Kattolika, Malta Taljana. Fis-snin 1950, Mintoff kien ġa beda jammetti lagħqa verniċ Brittanniku, ammissjoni li – minkejja li kien żmien l-*Integration* – tħoss li qed jagħmilha b'imrar. Fis-snin 1990 u 2000, l-għajta tal-Partit Nazzjonalista saret 'Malta fl-Ewropa', mentri tal-Laburisti post-Mintoffjani, 'Malta Svizzera fil-Mediterran'. Ironikament, iż-żewġ għajtiet jinsabu miktubin fil-ktejjeb ta' Mintoff li ġa semmejna! Imma apparti dik l-ironija, fl-imgħoddi qrib tagħna l-problema tal-identità kienet għadha tkiddna.

4. Meta individwu jkun għadda minn trawma, ġie li jiġri li jkollu disturb post-trawmatiku ġej mill-istress (*post-traumatic stress disorder*, DPTS). Jipprova jsiblu tarf billi jmur għand speċjalista. Il-mistoqsija hi: meta nazzjon sħiħa tgħaddi minn trawma, għand min tmur ħa tirpilja? Għandu mnejn li l-arti inġenerali, imma l-letteratura b'mod partikolari, tgħin f'dan il-proċess. Hemm żewġ modi kif tħares lejha: jew l-arti hija waħda mis-sintomi tad-disturb; jonkella l-arti hija l-katarsi, il-mezz kif wieħed jgħaddilu dak id-disturb.

5. Fis-snin sittin ħarġet klassi ta' kittieba Maltin li dehrilhom li jistgħu jgħinu 'l Malta tfiq mid-distrub ikkawżat mill-istress tat-trawma tal-kolonizzazzjoni. U dawn il-poeti u rumanzieri kitbu, bil-Malti, dwar dak id-disturb. Imbagħad bħal donnu ġara xi ħaġa, u l-letteratura ħadet tisbita. Il-lum qed jiġu ppreżentati bħala eroj letterarji kittieba li jiktbu nofs-Malti, nofs-Ingliż. Imma mhix tiffunzjona l-preżentazzjoni. Donnhom mhumiex eroj tal-poplu, bħalma kienu l-eroj tas-snin sittin. L-eroj tal-poplu donnhom qed ifiġġu f'oqsma oħra tal-arti, bħall-mużika, il-pittura, u forom oħrajn (li wħud minnhom għadhom fit-tfulija bikrija tagħhom). Iżda l-vera konstatazzjoni li rridu naċċertaw ruħna minnha hija din: in-nofs-Malti, nofs-Ingliż hu l-mezz psikoloġiku kollettiv tagħna kif, ladarba ma fiqniex mid-disturb, inkampaw xorta bih?

# IL-POEŻIJI

**MIN JISTA' JKUN?**

Min minna rah ir-riħ? Imma kemm drabi
nisimgħuh u nħossuh għaddej iħuf,
issa qisu dorbies qalil u mgħaddab,
issa ġwejjed u mans qisu ħaruf!

Min ra xi darba r-ruħ? Imma min minna
ma jafx li f'ħajtu magħha biss marbut;
ma jafx li biha jħoss, iġarrab, jaħseb;
ma jafx li biha jgħix, mingħajrha jmut?!

'L Alla min rah? B'dankolu liema bniedem
ċaħdU minn qalbu, jekk ma kienx miġnun?
Ma jistqarruHx is-sema u l-art u l-baħar?
Jekk m'huwiex Hu l-Ħallieq, min jista' jkun?

KARMENU VASSALLO

**GĦAD NIŻFNU...**
***LIL TFAJLA LI QATT MA MXIET***

Għad niżfnu, Int u Jiena
iż-żifna tal-imħabba
f'mergħat ħadrana
qalb ward, ġarġir u l-aħmar tal-peprina
f'għelieqi kbar sax-xefaq
taħt siġar twal jintilfu fis-smewwiet!

Għad niżfnu, Int u Jiena
il-waltz tal-ħajja
bla dellijiet
fuq il-ħotbiet bajdana.

Għad niżfnu t-tnejn flimkien
fid-*Disco* tal-eternità
li ma jintefa qatt...
Int u Jien!

REV. GEORGE MERCIECA
*Rabat, Għawdex*

**PERIFORA (πήριφέρεια)**

Ħabat il-lejl. Instaram id-dawl.
Ilmiet tal-mara ċ-ċedija fl-imħabba.
Damdmet ir-ragħda f'taħbila tas-speċi.
Għoxew allat id-*Dreaming* mal-ħâra.
Gerb'u l-eoni f'mansab il-ħarba.
Żegħdet tal-bniedem l-imżewqa taħlita.

Tistħajjel ta' Mozart il-mużka qawwija,
Jo' l-laqta miġnuna fuq tilet Dalì.
Mħawda f'ta' Pablo Neruda, il-kelma'
Feġġew fit-taqbida il-Mużi kotrana.

Għabet f'tal-għolja id-dalma tad-dlam.
Ibbrew l-imrieżaq, nebbieta tal-għerf.
Bkiet xemx ħerqana, il-karba għatxana.
Għosfru fil-qedem iħirset il-bluha.
Ilmiet sultanija fil-għoġba sapjenti –
L-universalità tal-kollox.

RIGU BOVINGDON
*L-Awstralja*

**ON MARRIAGE & VERSE**

So here is the secret: it will fail
mostly because all gimmicks thrive
on the myth of sincerity, and there is
none here; except to say I wish
I could judge my lines as well

as those who labor for years
over a simple conceit—long walks,
dreams, research—or at least the agreement
of cohabitation, then the break of it;
the contempt, the betrayal: this is verse.

KWAME DAWES
*Nebraska, USA*

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***MALTA AT THE EUROPEAN COURT OF HUMAN RIGHTS 1987-2012* ta' M.A. Sammut (ed.), P. Cuignet u D.A. Borg, Ius Melitae, 2012.**

Dan il-volum jiġbor fih storja tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, introduzzjoni filosofiko-storika tad-drittijiet tal-bniedem, u ħarsa ġenerali tal-Att XIV tal-1987. Fih wieħed isib ukoll taqsiriet tas-47 każ li jikkonċernaw lil Malta fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, analiżi ta' kull artiklu li jifforma l-materja ewlenija ta' dawn il-każijiet, u anki valutazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-preżent u ħarsa lejn il-ġejjieni. Il-ktieb jinkludi kitbiet tal-Prof. Kevin Aquilina, l-Imħallef Giovanni Bonello u Dr. Therese Comodini Cachia, b'żewġ Daħliet minn Dr. Lawrence Gonzi u Dr. Joseph Muscat.




***TIEQA FUQ KITTIEBA MALTIN* ta' Patrick Sammut, De La Salle Publications, It-tieni Edizzjoni, 2012.**

Din it-tieni edizzjoni ta' *Tieqa fuq Kittieba Maltin* hija maħduma bl-istess reqqa u dedikazzjoni tal-ewwel waħda. Dan hu volum eħxen, aktar elaborat, stampat b'mod tabilħaqq professjonali u li jolqot l-għajn. F'din l-edizzjoni Sammut daħħal aktar kittieba u poeti, biex b'hekk kiber l-għadd ta' ismijiet marbutin mal-qasam tal-letteratura Maltija. Din id-darba għanda 43 awtur/kittieb/poeta, Maltin u Għawdxin, għal darb'oħra bil-bijografiji u r-ritratti tagħhom, b'aktar dettalji rilevanti dwar ħajjithom, aktar kwotazzjonijiet minn xogħlijiethom, u analiżi ta' natura kritika dwar xogħlijiethom. Hemm ukoll Appendiċi dwar numru ta' kittieba u poeti Maltin li qed jiktbu barra minn Malta, fosthom fl-Awstralja.




***IL-BARUNI TA' ĦAL QORMI* ta' Karmenu Mallia, BDL, 2012.**

Dan huwa l-ewwel minn triloġija ta' rumanzi storiċi li ġġib l-isem ta' "Patrijotti u Ġakbini". F'dan l-ewwel volum Mallia joħodna f'Ħal Qormi fi żmien il-Gran Mastru Pinto li ħajruh għall-festa ta' San Ġorġ biex jitolbuh il-ġieħ ta' Città Pinto. Il-Baruni ma jridux jersaq 'l hemm għax jidhirlu li hu biżżejjed għal raħlu. Imma kollu għalxejn. Naqraw dwar il-ġrajja kerha ta' Imperia Elena Desos, l-għarusa tal-Baruni; dwar l-istorja ta' ċurkett imqareb, b'żewġ Kapuċċini jgħinu 'l min kellu bżonnhom; dwar x'jiġri mill-Farfett, Lorenza, Imperia, l-ilsiera u fuq kollox mill-Baruni li fl-aħħar jieħu deċiżjoni li tbiddel l-istorja kompletament. Iż-żewġ rumanzi li jsegwu jġibu l-isem ta' *L-Irvell tal-Qassisin* u *Dell Napuljun fuq Malta*. Aktar dwar dawn f'edizzjonijiet ta' IL-PONT tal-ġejjieni.